PJAZZA TEATRU RJAL

A. Casa Cassar, Triq il-Vittorja, Valletta VLT1050 Malta
E. contact@pjazzateatrurjal.mt
T. +356 2247 8100

16th May 2019

**PRESS RELEASE:**

**SUĊĊESSI MALTIN by the Malta Concert Orchestra**

On Friday 24th May the Malta Concert Orchestra will be performing another concert in the **Suċċessi Maltin** series at Pjazza Teatru Rjal. This concert will be a trip down memory lane with some of Malta's most popular singers such as Mary Spiteri, Maryrose Mallia, The Greenfields and Tony Camilleri 'L-Għannej' who will be joining the Malta Concert Orchestra on stage. The concert will feature all-time favourite songs such as *Fit-Tieġ tan-Neputija*, *Is-Saħħara ta' Wied Għafrid*, *Tfajjel Ċkejken*, *L-Għannej*, *Tema minn Ġensna*, *Il-Banda ta' Indri* and many others.

The orchestra, formerly known as the PBS Orchestra, was set up in 2014. In 2017 it moved to Pjazza Teatru Rjal and was rebranded as the Malta Concert Orchestra with a mission "to reach out to people across the board through accessible and inspiring musical performances." The MCO is a versatile ensemble made up of professional and semi-professional musicians who perform in formations of various sizes depending on venue and occasion. This year's *Suċċessi Maltin* will be under the direction of Maestro Paul Abela, a graduate of the Berklee College of Music in Boston and one of Malta's foremost composers of popular songs and musicals, while the musical arrangements were done by Maestro Joe Brown.

The concert at 20:30h. Students and senior citizens may benefit from special discounts on concert tickets. For more information and tickets go to **www.pjazzateatrurjal.mt**

**-------------END------------------------------------------------------------------------------------------------------------**

PJAZZA TEATRU RJAL

A. Casa Cassar, Triq il-Vittorja, Valletta VLT1050 Malta
E. contact@pjazzateatrurjal.mt
T. +356 2247 8100

16 ta' Mejju 2019

**STQARRIJA STAMPA**

**SUĊĊESSI MALTIN mill-Malta Concert Orchestra**

Il-Ġimgħa 24 ta' Mejju, il-Malta Concert Orchestra ser tkun qed ittella' kunċert ieħor mis-sensiela popolari **Suċċessi Maltin** ġewwa Pjazza Teatru Rjal. Il-kunċert ser jeħodna fuq vjaġġ mużikali li se jġib lura ħafna memorji permezz tal-kanzunetti ta' uħud fost l-aktar kantanti popolari Maltin bħal Mary Spiteri, Maryrose Mallia, The Greenfields u Tony Camilleri 'L-Għannej'. Dawn il-kantanti, bl-akkumpanjament *live* tal-Malta Concert Orchestra, ser jesegwixxu kanzunetti bħal *Fit-Tieġ tan-Neputija*, *Is-Saħħara ta' Wied Għafrid*, *Tfajjel Ċkejken*, *L-Għannej*, *Tema minn Ġensna*, *Il-Banda ta' Indri* fost ħafna oħrajn.

L-orkestra kienet twaqqfet fl-2014 u kienet għall-ewwel magħrufa bħala PBS Orchestra sakemm fl-2017 għaddiet taħt ir-responsabilita' ta' Pjazza Teatru Rjal bil-għan li tilħaq firxa wiesa' tal-popolazzjoni permezz ta' kunċerti ta' livell għoli u aċċessibbli. Il-Malta Concert Orchestra hija formazzjoni flessibbli ta' mużiċisti professjonali u semi-professjonali li jingħaqdu flimkien skont il-post u l-okkażżjoni li jkun ser jesegwixxu. *Suċċessi Maltin* ta' din is-sena ser ikun taħt id-direzzjoni ta' Maestro Paul Abela, wieħed mill-aktar kompożituri Maltin ta' suċċess fil-qasam tal-mużika pop u tal-musicals, filwaqt li l-arranġamenti mużikali kienu f'idejn Maestro Joe Brown.

Il-kunċert jibda fit-20:30h. Studenti u anzjani jistgħu jibbenefikaw minn skontijiet speċjali fuq il-biljetti. Għal aktar informazzjoni żur **www.pjazzateatrurjal.mt**

**-------------TMIEM-------------------------------------------------------------------------------------------------------------**